Sensiela Studji Soċjali (*fil-gazzetta TAGĦNA T-TFAL*)

**Artiklu Numru 6**: **IT-TAGĦLIM TAL-ISTUDJI SOĊJALI FIS-SITT SENA PRIMARJA**



*Il-piramidi*

*It-Tempji ta' Ħaġar Qim*



Sikwit jistaqsuna: "Liema sit kien jintuża mill-bniedem l-ewwel, il-piramidi tal-Eġittu jew it-Tempji ta' Ħaġar Qim?" Din hija mistoqsija li nippruvaw infasslu tweġiba għaliha, l-iktar, fis-Sitt Sena tal-Primarja.

Xi topiks li żgur huma għal qalb l-istudenti kollha tas-Sitt Sena huma:

- Il-Preistorja Maltija,
- L-Assedju l-Kbir tal-1565,
- Il-Bini tal-Belt Valletta,
- Il-Komunikazzjoni,
- It-Tniġġis mill-*powerstations* u l-karozzi,
- Il-paesaġġ Malti.

(N.B. Ara l-videos edukattivi dwar dawn it-topics fil-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt)

M'hemmx dubju li l-Preistorja huwa s-suġġett li jixgħel l-immaġinazzjoni tal-istudenti kollha. Huwa topik favorit ukoll ma' bosta għalliema, u anke l-ġenituri jinteressaw ruħhom ħafna fil-Preistorja Maltija. Il-Preistorja Maltija tinqasam prinċipalment fi tliet fażijiet: (a) in-Neolitiku (b) Żmien ir-Ram (ċ) Żmien il-Bronż. L-isbaħ fażi tibqa' fażi (b), dik ta' Żmien ir-Ram. Hawnhekk inbnew it-tempji megalitiċi tal-Ġgantija, Ħaġar Qim, Ħal Tarxien, l-Imnajdra, Kordin, Skorba u l-kumplament. It-tempji megalitiċi nbnew permezz ta' ħaġar kbir ħafna; fil-fatt 'megalitiku' tfisser 'mibni b'ġebel kbir'.



Fi Żmien ir-Ram tħaffer ukoll l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni. Id-differenza bejn **tempju** u **ipoġew** hija li, filwaqt li tempju huwa mibni, ipoġew ikun imħaffer taħt l-art. L-Ipoġew ta' Ħal saflieni qiegħed ġewwa Raħal Ġdid u l-iskop prinċipali għalfejn tħaffer kien id-dfin tal-mejtin.

Ta' min isemmi hawn kif, kemm it-tempji megalitiċi kif ukoll l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni llum huma *World Heritage Sites*. Ġew iddikjarati hekk mill-għaqda tal-Ġnus Magħquda il-UNESCO. Dan huwa titlu li jagħmlilna unur kbir. Xi *World Heritage Sites* magħrufa huma l-Kolossew ta' Ruma fl-Italja, il-Piramidi tal-Eġittu u l-Akropoli ta' Ateni fil-Greċja. Meta t-tempji megalitiċi u l-Ipoġew ġew iddikjarati *World Heritage Sites*, dan ifisser li dawn saru wirt tal-umanità kollha u mhux tagħna l-Maltin biss. Aħna l-Maltin sirna l-kuraturi, jiġifieri dawk li jieħdu ħsieb dawn is-siti storiċi.

*Tony Pace*
Uffiċjal Edukattiv tal-Primarja

(għal iktar tagħrif dwar l-Istudji Soċjali idħol fil-blog: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt